# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***


**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 65**

**nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 65 tas-Seba' Leġislatura, nhar it-Tnejn, 8 ta' Jannar 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Mario Sammut - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**
Clayton Gauci – Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:27pm.

ii. Il-Laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
65.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;
65.4 Korrispondenza
65.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
65.6 Rapporti;
65.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
65.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;
65.9 Mozzjonijiet;
65.10 Preparamenti għall-Ġieħ l-Imġarr 2018
65.11 Żvilluppi mal-Kollezzjoni tal-Arti Tempra
65.12 Proġetti għal matul l-2018
65.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss

**65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

65.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva messaġġi mingħandi Clayton Gauci, li, minħabba raġunijiet personali ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

65.1.2 Il-Kunsill laqa' b' mod unanimu din it-talba u għaldaqstant il-Kunsillier tniżżel bħala assenti b' apoloġija.

**65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

65.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

65.3.1 Is-sindku informa li peress li kien hemm xi' skips li tkissru, kien hemm bżonn urġenti li jinxtraw oħrajn ġodda sabiex is-servizz ikompli jingħata lir-residenti. Ser jinxtraw ukoll skips żgħir biex fihom jinġarbar skart mill-iskola tar-raħal.

65.3.2 Is-Sindku semma li hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellu laqgħa mal-kuntrattur tax-xogħol fuq il-ground tal-bandli ta' Triq Sir Harry Luke. Ġie deċiż fejn u kif ser jeħlu l-arbli biex iħommu ix-xibka li ser tiġi installata mal-perimetru tal-ground. Ix-xogħol għandu jibda' fil-ġimgħat li ġejjin.

65.3.3 Is-Sindku informa li kien hemm bżonn jinxtara mutur li jaqta' il-ħaxix biex tkun tista' tinżamm aktar indafa fit-toroq u l-passaġġi rurali.

65.3.4 Is-Sindku inform li kienet saret laqgħa fid-Direttorat tal-Proġetti u Xogħlijiet Pubbliċi dwar iż-żona taċ-Ċikken fil-Ġnejna. Għall-Kunsill attendew is-Sindku u l-Kunsillier Mario Sammut. F' din il-laqgħa kien ikkonfermat li partijiet sostanzjali miċ-Ċikken hija propjeta' privata. Kien deċiż ukoll li jitwaħħlu tabelli biex javżaw lin-nies bil-periklu ta' ġebel li jista' jaqa' f' din iż-żona.

65.3.5 Is-Sindku semma' li l-għalqa privata li hemm fi' Triq Sir Harry Luke, quddiem il-Kunsill u kienet qed titnaddaf u titbattal mill-inġenji u materjali ieħor li kien fiha.

## 65.4 Korrispondenza

65.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

65.4.2 Ma kinitx irreġistrata aktar korrispondenza barra dawk imsemmija fil-punt ta' hawn fuq.

## 64.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

64.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 65.6 Rapporti

65.6.1 Ma kienx hemm rapporti għal din il-laqgħa.

## 65.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

65.7.1 Is-Sindku semma' li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment sabiex issir talba lill-Transport Malta biex tinfetaħ parti ġdida minn triq biex tinfed Triq il-Qarawas ma' Misraħ iż-Żebbiegħ. Il-Kunsill, wara li ddiskuta din il-proposta,qabel magħha unanimament u qabel ukoll li din it-triq, la tinfetaħ, issir b' direzzjoni waħda (one-way) mill-Misraħ lejn Triq il-Qarawas, biex tkun aktar sigura għall-min jużaha. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed iressaq din it-talba lil Transport Malta.

65.7.2 Is-Sindku ressaq ukoll proposta sabiex Triq Barbara, kantuniera ma' Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa tiġi tinfed ma' Sqaq il-Latmija u Triq Vitale. Il-Kunsill approva din il-proposta.

**65.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

65.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 1/2018, li kienet tammonta għall-€12,873.15.

65.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda u l-iskeda ġiet iffirmata u l-pagamenti ta' fuqha ġew awtorizzati.

**65.9 Mozzjonijiet**

65.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**65.10 Preparamenti għall-Ġieħ l-Imġarr 2018**

65.10.1 Il-Kunsill iddiskuta il-preparament għall-Ġieħ l-Imġarr li ser isir fl-4 ta' Frar. Is-Sindku ikkonferma li kiene ser jattendu uffiċċjali u il-banda ta' Mathi, fl-Italja, fejn il-Kunsill kien iffirma ftehim ta' ġemellaġġ.

65.10.2 Il-banda ta' Mathi kienet ser ttella' kunċeert fil-knisja taż-Żebbiegħ is-Sibt, 3 ta' Frar, fil-għaxija. Il-Ħadd 4 ta' Frar imbagħad kienet ser tagħmel marċ qasir. Kienet ser issir quddiesa speċjali tal-okkazzjoni fil-għodu fil-knisja parrokkjali. Fil-għaxija imbagħad kellu jittella' il-programm ta' Ġieħ l-Imġarr fl-iskola primarja.

65.10.3 Il-formoli tan-nominazzjonijiet kienet qed jintlaqgħu il-Kunsill sas-Sibt 20 ta' Jannar.

**65.11 Żvilluppi mal-Kollezzjoni tal-Arti Tempra**

65.11.1 Is-Sindku informa li kellu taħditiet ma' Mina Tempra u ġie deċiż li jsir il-ftehim propost biex il-kollezzjoni ta' Arti Moderna u Kontemporanja tingħata lil Kunsill. Ġie deċiż ukoll li jsir katalogu aġġornat tax-xogħlijiet u li l-kollezzjonijiet tissejjaħ : the Tempra Moder & Contemporary Art Collection.

**65.12 Proġetti għal matul l-2018**

65.12.1 Il-Kunsill iddiskuta il-proġett kapitali tal-mixtla tal-Facciol. Il-Kunsill iddeċieda li kien wasal iż-żmien li jinħarġu is-sejħiet tal-offerti relativi għal dan il-proġett.

65.12.2 Ġie deċiż li jinħarġu żewġ sejħiet. L-ewwel sejħa kellha tinkorpora it-tħammil tat-terrapin u ħamrija mis-sit, li dan il-materjal jintgħarbel u jintgħażel, it-tħaffir għall-ġiebja, bini tal-ġiebja u l-bini ta’ ħitan tas-sejjieħ. It-tieni sejħa ser tinkorpora il-provvista tas-serrer u l-installazzjonijiet tagħhom.

65.12.3 Ser jinġabru l-aħħar informazzjoni tekninka mingħand il-perit tal-Kunsill u dawn is-sejħiet jinħarġu.

**65.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

65.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:27pm.

65.13.2 Il-Laqgħa numru 66 tal-Kunsill issejħet għall-Erbgħa 24 ta’ Jannar 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***